# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 242i – It-Tnejn 6 ta' Frar 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju temporanju tiegħu, Ċentru Azzjoni Kattolika, Triq il-Parroċċa, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m. Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippresieda.

## PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci (daħal fis-seduta fis-6:30pm)
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
IL-Kunsillier Joe Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA
Il-Viċi-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA 241
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 241 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU 241

**2.1 Triq Manwel Bonnici**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet saret talba mill-ġdid lil Transport Malta biex din l-imsemmija triq issir One-Way min-naħa ta' Triq Tabrija u li jsiru bollards fejn tidjieq it-triq biex inaqqsu l-aċċess ta' vetturi kbar li jistgħu jikkawżaw ħsara u periklu f'residenza partikolari.

Huwa kompla jgħid li t-Transport Malta kienet laqgħet it-talba tal-One-Way u li din kienet saret b'mod immedjat. Rigward il-bollards, Transport Malta kellha tagħti tweġiba aktar 'il quddiem.

**2.2 Skema ta' Finazjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport magħmul mill-Perit Julian Borg dwar ir-ristawr tal-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa u n-niċċa li tinsab biswit il-monument ta' Karmenu Vassallo fi Triq Santa Margerita.

Is-Sindku ippropona li għandha ssir l-applikazjoni fl-imsemmija skema. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Jesmomd Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

Il-Viċi-Sindku issekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

## 4. ĊENTRU ĊIVIKU

Il-Viċi-Sindku qal li x-xogħolijiet kienu mexjin kif ippjanat u l-ftuħ kien mistenni li jsir il-Ħadd 4 ta' Marzu. Huwa ippropona li l-ftuħ isir mill-Onor. Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi. Huwa ippropona wkoll li l-Kunsill japprova l-ispejjeż relatati maċ-ċerimonja tal-ftuħ. Dawn jinkludu l-kiri ta' tinda, il-publikazzjoni tal-inviti u l-programm, u spejjeż minimi oħra.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5. HWEJJEĠ OHRA

**5.1 CD bil-Poeżiji ta' Karmenu Vassallo**

Il-kompożitur Dominic Galea se joħroġ CD bil-poeżiji immużikati tal-Poeta Karmenu Vassallo f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tiegħu. Huwa qed jitlob lill-Kunsill biex jidħol fi sħab fil-produzzjoni ta' din is-CD. L-ispiża se tkun madwar €500. Entitajiet oħrajn se jkunu l-HSBC, l-Akkademja tal-Malti, u l-Kunsill tal-Ilsien Malti.

Is-Sindku ippropona li għandna nidħlu sehem f'dan il-proġett. Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.2 Ħsarat fi Triq Nikola Baldacchino**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar il-ħsarat fil-konnessjoni tad-drenaġġ ta' żewġ residenti, huwa kellem lill-Perit Falzon li kien responsabbli mix-xogħlijiet meta sar ir-*resurfacing* tal-imsemmija triq. Il-Perit Falzon sostna li kieku l-ħsarat saru meta sar ir-*resurfacing*, ir-riħa kienet toħroġ mill-ewwel. Huwa eskluda wkoll li r-residenti in kwestjoni setgħu għamlu x-xogħol ħażin għaliex kieku wkoll ir-riħa kienet toħroġ qabel. Li jista' ġara huwa li jew daħal xi ilma taħt it-triq u ċċaqilqu l-katusi, jew it-triq straħet bil-piż tal-vetturi u b'hekk il-katusi xxaqqu. Dan ifisser li l-Kunsill huwa responsabbli li tissewwa din il-ħsara.

Is-Sindku ippropona li għandna nipproċedu bit-tiswija. Il-Kunsillier Jesmond Tanti ssekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.3 Triq Dun Manwel Zammit**

Il-Perit David Vassallo ippreżenta stima tax-xogħlijiet biex jitranġaw il-livelli f'parti minn Triq Dun Manwel Zammit. L-istima hija ta' €13,122.95. Mistoqsi mis-Sindku dwar is-survey li sar u x'possibiltà hemm li dan jitranġaw, il-Perit Vassallo qal li hemm diffikultà kbira fit-triq imma jekk ix-xogħol isir taħt superviżjoni, il-possibiltà hija li l-livelli jiġu korretti.

Il-Kunsilliera Nicholas Cassar u Rita Psaila sostnew li dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru, għaliex din il-materja ilia tiġi diskussa s-snin. Il-Viċi-Sindku qal li kif ikkonfermaw l-istess residenti, l-iżball fil-livelli sar meta kienet saret it-triq u mhux żviluppaw wara. Huwa qal li b'hekk ir-responsabbiltà taqa' fuq Transport Malta biex jitranġa dan l-iżball. Huwa wiegħed li kien se jikteb liċ-Chairman ta' Transport Malta biex tkun din il-korporazzjoni li tagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

**5.4 Mixegħla Salib tal-Għolja**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li hu kien beda bit-tħejjija ta' din l-attività u ippropona li jiġi allokat l-istess ammont ta' flus bħas-sena li għaddiet. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Żvilupp PA 04693/10 f'Għar Lapsi**

Din il-materja ġiet diskussa fil-bidu tas-Seduta meta s-Sindku kien għadu mhux preżenti. Il-Viċi-Sindku qal li diversi persuni qed joġġezzjonaw dwar dan l-iżvilupp u ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb lill-MEPA biex il-Kunsill ikun jista' jwassal il-fehma tiegħu dwar din il-materja.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 Monument Pawlu Aquilina**

Il-Viċi-Sindku qal li l-preparamenti kienu mexjin skont il-pjan u ippropona li ċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni ssir l-Ħadd 26 ta' Frar mill-President tar-Repubblika l-Eċċ. Tiegħu Dr George Abela. Huwa talab lill-Kunsill japprova l-ispejjeż minimi marbutin maċ-ċerimonja.
Il-Kunsill Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Peress li kien deher li d-diskussjoni dwar ir-Rapport Finanzjarju kienet se tieħu fit-tul, is-Sindku ippropona l-aġġornament tal-aġenda għall-Ġimgħa 10 ta' Frar fis-6:00pm. Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

**Il-Perit Robert Musumeci**
**Sindku**

**Is-sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum il-Ġimgħa 23 ta' Marzu, 2012**

# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 242ii – Il-Ġimgħa 10 ta' Frar 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju temporanju tiegħu, Ċentru Azzjoni Kattolika, Triq il-Parroċċa, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m. Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
IL-Kunsillier Joe Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Il-Viċi-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 3. FINANZI (kontinwazzjoni)

**3.2 Rapport Annwali Finanzjarju 2011**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tar-Rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2011. Huwa qal li dawn il-kontijiet juru li s-sena ingħalqet b'working capital (bilanċ) ta' €8,000. Dan minbarra r-riżerva ta' €251,000 għaċ-Ċentru Ċiviku.

Il-Kunsill ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fis-7.00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar il-Ġimgħa 23 ta' Marzu, 2011 fl-4.00pm.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum il-Ġimgħa 23 ta' Marzu, 2012**

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2012

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| parking metres | | 0.58 |
| parking metres | | 0.58 |
| skips | | 2.32 |
| crane 3061 | | 2.33 |
| skips | | 2.33 |
| trenching permits | | 2.33 |
| trenching permits | | 2.33 |
| skips | | 4.64 |
| skips | | 4.64 |
| crane 3052-3054 | | 6.99 |
| cranes 3068-3073 | | 9.32 |
| christmas party 29/12/11 | | 10.50 |
| regjun xlokk les oct11 invoice yr2011 | | 15.14 |
| crane 3045-3051 | | 16.30 |
| cranes 3055-3060 | | 20.97 |
| cranes 3093-3103 | | 27.96 |
| cranes 3093-3103 | | 27.96 |
| cranes 3104-3111 | | 27.96 |
| cranes 3082-3092 | | 32.62 |
| cranes 3074-3081 | | 46.60 |
| tender 17/10 | | 50.00 |
| tender 17/10 | | 50.00 |
| north region - les jan11 invoice | | 51.24 |
| crane 3063-3067 | | 51.26 |
| cranes 3120-3132 | | 51.26 |
| coffee morning 15/2/12 | | 65.25 |
| south eastern region - les jan11 invoice | | 68.71 |
| cranes 3112-3119 | | 69.90 |
| central region - les jan11 invoice | | 81.52 |
| weekend break | | 124.00 |
| south region - les jan11 invoice | | 163.04 |
| weekend break 3-5/02/12 | | 248.00 |
| weekend break 3-5/02/12 | | 698.00 |
| weekend break 3-5/02/12 | | 838.00 |
| wsc - payment against invoice trenching year 2011 | | 26800.00 |
| a.aquilina - attendance library jan11 20hrsx5.98 | 119.60 | |
| access point - it virtual pack feb12 inv2369 | 236.00 | |
| access point - it virtual pack jan12 inv2309 | 236.00 | |
| agnes borg - performance bonus 2011 | 564.00 | |
| alex camilleri - pc jan12 inv56 | 847.43 | |
| ame - health and safety civic centre jan12 inv2659 | 47.20 | |
| ame - health and safety docs civic centre inv2547 | 396.34 | |
| andrew vassallo - manhole covers po2/12 inv70-12 | 66.79 | |
| anton zarb - 4 litter bins A-017 invaz07/12 | 1063.46 | |
| arms - 18 pjazza san nikola clinic 20/9/11-14/12/11 | 18.64 | |
| arms - 18 pjazza san nikola clinic 15/12/11-18/01/12 electricity | 32.24 | |
| arms - 18 pjazza san nikola clinic 15/12/11-18/01/12 water | 14.80 | |
| arms - gnejnet l-armonija 7/5/11-8/11/11 | 67.62 | |
| avantech - maintenance photocopier inv151499 | 37.28 | |
| b.grima - road marking paint black inv 2815 po9/12 | 162.84 | |
| b.grima - road markings white/yellow inv2851 | 1465.56 | |
| bestprint - printing flyer laqgha lokalita inv8219 | 231.00 | |
| borg bros - garr ta' ghamara mill-kunsill/garage civic centre inv1773 | 165.20 | |
| brick block - hire of skip civic centre inv ob2343 | 70.80 | |
| bristow potteries - ceramic street name triq l-andar inv397 | 58.23 | |

sed 242-06/02/2012
final

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2012

| | | |
|---|---|---|
| callus landscaping - planting public spaces jan12 inv1 | 1504.80 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays jan11 16htrsx7.2 | 115.20 | |
| central asphalt - cold asphalt jan12 inv42513 | 1461.97 | |
| cir - jan12 | 3924.50 | |
| cookies - christmas supplies inv4344347 | 45.00 | |
| dolmen hotel - weekend break 3-5/2/12 po11/12 lcs49/07/60 | 1905.00 | |
| ges aluminium - sliding windows civic centre inv7998 | 606.52 | |
| go - 21462946 dec11 | 17.82 | |
| go - 21465799/21465805 dec11 | 207.67 | |
| go - 21466000 dec11 | 25.10 | |